# QORTI CIVILI PRIM`AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 14 ta` Jannar 2016**

**Rik. Nru. 1022/2010 JZM**

**Fl-atti tal-istralc tal-kumpannija**
**Gelati Riviera Limited C22424**
**li kienet xjolta bi**
**provvediment ta` din il-Qorti**
**tal-14 ta` Lulju 2011**

**Il-Qorti :**

Rat l-atti li pprezenta l-istralcjarju.

Rat il-verbali tal-udjenzi ta` dan il-procediment.

Rat l-atti l-ohra.

Rat l-Art 244 tal-Kap 386.

Billi hija sodisfatta li l-istralcjarju hares il-htigijiet kollha skond il-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, qeghda tehles lill-istralcjarju mill-hatra tieghu.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien erbatax-il jum mil-lum jibghat lir-Registratur tal-Kumpanniji avviz tal-helsien tal-istralcjarju mill-hatra tieghu.

Rat l-Art 264 tal-Kap 386.

Billi l-affarijiet tal-kumpannija huma stralcjati.

U billi huma sodisfatti l-htigijiet tal-Art 244 tal-Kap 386, qeghda tordna li l-isem tal-kumpannija Gelati Riviera Limited C22424 jithassar mir-Registru tal-Kumpanniji b`effett mil-lum.

U tordna wkoll lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien erbatax-il jum mil-lum jibghat lir-Registratur tal-Kumpanniji l-ordni ta` thassir tal-kumpannija Gelati Riviera Limited C22424.

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**